**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 653/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Anthony Dalli**

**Illum 18 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Anthony Dalli, iben Carmel u Carmela neè Micallef, imwieled il-Gżira fl-24 ta' Novembru 1953, residenti 56, Orchid, Flat 1, Triq tas-Sliema, Gżira, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 823753(M):

Talli nhar il-21 ta' Novembru 2020, fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew xhur u/jew snin ta' qabel iżda mhux aktar minn sentejn, ġewwa l-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Użа vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad detriment tal-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bil-vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

2. Ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

3. Ikkaġuna lill-mara tiegħu, Anna Dalli, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta'

minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

U aktar talli nhar l-21 ta' Novembru 2020 fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. ġewwa l-Gżira:

4. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Dalli, hekk kif iċċertifika Dr. Christopher Muscat, Med. Reg. No. 1493, mill-Klinika tal-Floriana;

5. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu Anna Dalli;

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-mara tiegħu Anna Dalli, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) il-Qorti toħroġ Ordni ta 'Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri, kontra Anthony Dalli a benefiċċju ta 'Anna Dalli u l-familjari tagħha u dan ai termini ta 'l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta; sabiex (ii) f'każ taħ 'tija, il-Qorti, tipprovdi għall-perunsa ta 'Anna Dalli jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Anthony Dalli b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta 'somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 838 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, għal żmien li tħoss xieraq; sabiex (iii) f'każ taħ 'tija, il-Qorti tikkundanna lil Anthony Dalli għall-ħlas ta ' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta 'Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta 'l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat l-Ordni ta 'Protezzjoni maħruġ kontra Anthony Dalli datat 26 ta 'Novembru 2020[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-26 ta 'Novembru 2020 markati Dok. "A" sa 'Dok. "F" a fol. 9 sa '27 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tar-Risk Assessors Tracy Baldacchino[2] u Analise Livori Bonici Mompalao[3] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta 'Diċembru 2020 u semgħet ix-xhieda ta' Anna Dalli mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta 'Diċembru 2020[4], ta 'l-1 ta 'Frar 2021[5] u tat-3 ta' Frar 2022[6], semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta ' Diċembru 2020[7], ta 'l-1 ta 'Frar 2021[8] u ta 'l-20 ta 'Lulju 2021[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markat Dok. "EMX" a fol. 59 tal-proċess u Dok. "GVX" a fol. 137 tal-

[1] Fol. 31 tal-proċess.
[2] Fol. 38 u 39 tal-proċess.
[3] Fol. 40 u 41 tal-proċess.
[4] Fol. 42 sa' 57 tal-proċess.
[5] Fol. 82 sa' 84 tal-proċess.
[6] Fol. 184 sa' 188 tal-proċess.
[7] Fol. 58 tal-proċess.
[8] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess.
[9] Fol. 136 tal-proċess.

proċess, semgħet ix-xhieda ta 'Dr. Chris Muscat mogħtija waqt is-seduta ta 'l-1 ta ' Frar 2021[10] u x-xhieda ta 'Dr. Martha Travers Tauss, nominata sabiex tagħmel traskrizzjoni ta 'l-istqarrija ta 'l-imputat, mogħtija waqt is-seduta ta 'l-10 ta 'Mejju 2021[11] u rat it-traskrizzjoni ta 'l-istqarrija ta 'l-imputat markata Dok. "MT" a fol. 99 sa '127 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta 'Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta 'Settembru 2021[12] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 145 sa '153 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Psikologa Dr. Roberta Holland mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta 'Settembru 2021[13] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "RH" a fol. 157 sa '174 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2022[14];

Rat illi Trudy Dalli, li tiġi bint l-imputat u Anna Dalli, għażlet li ma tixhidx fil-konfront ta 'missierha l-imputat[15] u rat illi Gordon Dalli, li jiġi bin l-imputat u Anna Dalli, għażel li ma jixhidx fil-konfront ta 'missieru l-imputat[16];

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 11 ta 'Ottubru 2021[17] permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 251, 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(i), 202(i) u (j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251A(1)(a) u (b); 222(1)(a), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(i) u 202(i) u (j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251B, 222(1)(a), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(i) u 202(i) u (j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251HA u 202(h)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 17 u 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021[18], il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

[10] Fol. 79 u 80 tal-proċess.
[11] Fol. 98 tal-proċess.
[12] Fol. 143 u 144 tal-proċess.
[13] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[14] Fol. 190 sa' 192 tal-proċess.
[15] Fol. 81 tal-proċess.
[16] Fol. 91 tal-proċess.
[17] Fol. 176 u 177 tal-proċess.
[18] Fol. 178 tal-proċess.

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar il-21 ta' Novembru 2020, fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew xhur u/jew snin ta' qabel iżda mhux aktar minn sentejn, ġewwa l-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad detriment tal-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bil-vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (2) Ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (3) Ikkaġuna lill-mara tiegħu, Anna Dalli, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; U aktar talli nhar l-21 ta' Novembru 2020 fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. ġewwa l-Gżira: (4) Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Dalli, hekk kif iċċertifika Dr. Christopher Muscat, Med. Reg. No. 1493, mill-Klinika tal-Floriana; (5) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu Anna Dalli; (6) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-mara tiegħu Anna Dalli, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Anna Dalli** xehdet fir-rigward tar-rapport li hija għamlet mal-Pulizija nhar it-22 ta' Novembru 2020 dwar inċident li kellha ma' żewġha, l-imputat, nhar il-21 ta' Novembru 2020[19]. Hija ddikjarat li dakinhar ta' l-inċident żewġha kien qed jara t-television u l-volum kien għoli ħafna u *kien hemm ċertu programmi li jkollhom ċertu lingwa u ħriġt biex nagħmel kafè u għidtlu baxxilu naqra. … Għidtlu jekk jogħġbok baxxilu naqra biex it-tifla ma tismax dak il-lingwaġġ u njorani, ma ħarisx. Jiena bħal speċi rrabjajt għax ridtu jħares għaliex lit-tifla ma xtaqthiex tisma' ċertu lingwa allura almenu jbaxxilu kemm jisma' hu. Imbagħad irrabja, qam għalija, jiena dak il-ħin irrabjajt u l-kitla kienet għadha vojta u sabbattha ma' l-art qisni biex nurih u biex niġbed l-attenzjoni għaliex li kont qed ngħidlu ħassejt li huwa tajjeb u qam għalija u qalli lilek intik xebgħa, għax issa dejjaqtni u qabad idu hekk u taħieli ġo għajnejja. … Hu tani bil-pala ta' idejh fuq għajnejja. … Fuq l-għajn tal-lemin.* Anna Dalli stqarret ulterjorment li meta marret tirrapporta għand il-Pulizija, hija ġiet offruta s-servizz ta' ambulanza iżda rrifjutat peress illi ippreferiet tmur mat-tifla u minflok marret il-Polyclinic tal-Furjana u ġiet invistata hemmhekk. Sussegwentement irrappurtat ġewwa d-Depot tal-Pulizija fejn hemm kienu kellmuha xi Social Workers, liema Social Workers kienu kellmu lil bintha ukoll.

Anna Dalli stqarret li dan ma kienx l-uniku inċident li kien hemm bejnha u bejn żewġ u fil-fatt kien hemm inċident ieħor fis-sajf tas-sena 2020 fir-rigward ta' liema stqarret

[19] Dok. "D" a fol. 14 sa' 16 tal-proċess.

illi *darba minnhom, għax hu kien iħallili €400 għax hu jżomm il-pensjoni u jtini €400 għax hu jixtri x-xiri u bl-€400 nixtri li jonqosni matul ix-xahar, u ma' dawk l-€400 kien iħallili €20 fuq qisu forn għax ġieli kont ngħidlu li €400 mhux dejjem iservu. Dakinhar kien hemm in-neputi li nżommu li għandu 3 snin għaliex it-tfal joqgħodu fuqi u din ix-xebba ... li għalqet 23 sena f'Novembru, u jiena kont nibża' qisni neħodha din it-€20. ... Hu ħallieli €20 u ġiet il-miżżewġa, għax it-tfal joqgħodu fuqi, u staqsietni jekk irridx immur magħha tixtri, jiena mort magħha u jiena kelli €20 oħra fil-portmoni u lħaqt xtrajt biha u x'ħin wasalna d-dar għidtilha jonqosni l-ħaxix. Imbagħad qaltli ma ħallilekx €20 d-daddy u għidtilha qed nibża' neħodha u qaltli għalfejn qed tibża' u għidtilha qed nibża' neħodha għaliex irrid noqgħod nispjega bħal speċi u dik qaltli mur ixtri, mhux għalina ħa tixtri u jiena daqskemm kont nitwerwer, x'ħin għaddejt bil-kaxxa tal-ħaxix minn quddiem ir-raġel tiegħi, sadanittant kien hemm it-tifel tat-tifla u x-xebba qiegħda bil-mobile fuq is-sufan, u bdejt nurih u fetaħ il-kaxxa u ħa xi 4 ġbejniet u kielhom u poġġejt kollox f'postu. In the meantime, peress li jiena npejjep, ma npejjipx ġewwa minħabba n-neputi l-iktar, u x'ħin ġejt biex noħroġ fil-gallarija biex it-tifel ma jiblax id-duħħan tas-sigarett u hekk, jiena u sejra nħoss daqqa ġo rasi fuq wara u jiena dak il-ħin, daqskemm stordejt, ħarist lejn is-saqaf u għidt "Madonna, waqgħet xi ġebla fuq rasi" u x'ħin dort itini daqqa oħra ġo din l-għajn. ... tax-xellug u jiena għidtlu x'għamiltlek u qalli għax inti mhux vera xtrajt il-ħaxix u jiena għidtlu għaddejt minn quddiemek u kelli patata, basal u ġbejniet u qalli imma dak mhux ħaxix u qalli ħaxix, kaboċċi u pastard. Qamet ix-xebba u staqsietni jekk dawn l-affarijiet ilhomx isiru għax jien kont nipprova. ... Imbagħad it-tifla l-għada kienet ħaditni għand tas-social, mhux l-istess li kellimt fid-depot, u qaltli li ma nistax nibqa' sejra hekk. ... qisha nkoraġġietni mhux ħaditni u jiena dejjem kelli s-Social Workers iċempluli u jgħiduli biex nirreaġixxi u mmur l-għassa imma qisni dejjem nipprova ma naqlax inkwiet.*

Anna Dalli xehdet dwar inċident ieħor li nqala' fl-2019 u fir-rigward stqarret illi *kien għadu ġej mix-xogħol, konna jien u hu d-dar biss, inħasel, kiel u ntefa' fuq is-sodda u jiena għidtlu ejja noħorġu naqra flimkien. ... Kif għidt jiena għidtlu biex noħorġu naqra u lanqas pretendejt jiena, u qam qalli ejja ħa noħorġu, konna fil-kamra tas-sodda u beda jtini u jiena għidtlu sorry, sorry, xi stajt għamilt? Qalli inti għamilt xi cheque u mort tonfoqhom Tas-Sliema, ħwejjeġ u jiena għidtlu li mhux vera. Qalli x'mhux vera, qalli sibthom fuq l-istatement. In the meantime peress li t-tfal joqgħodu fuqi, allura jisimgħu l-għajjat, niżlet il-partner tat-tifel, għax toqgħod fi flat 3, u qaltli itla' iġri għandi. Imbagħad ħarġet it-tifla tiegħi, il-miżżewġa, li toqgħod fuqi u staqsietni x'ġara u jiena għidtilha li qed jgħid li jiena għamilt xi cheque ta' €350 u morst Tas-Sliema u xtrajthom ħwejjeġ u din it-tifla l-miżżewġa għandha ħabta kif tikkalmah lil missierha u qaltli biex nibqa' hemm ħalli tkellmu hi. Qaltlu x'għamlitlek il-mummy u hu qalilha għax dik għamlet cheque u marret tonfoq €350 fi ħwejjeġ u qaltlu ġib ħa niċċekkjalek u dan iċ-cheque sabet li kien għamlu hu u ħallas lil xi ħadd, xi mekkanik jew whatever u sarfu Tas-Sliema u b'hekk bqajt nibża' meta ħadt it-€20.*

Fix-xhieda tagħha Anna Dalli spjegat illi problemi oħra matul is-snin dejjem kien hemm billi l-imputat skontha huwa persuna li ma jikkontrollax lilu nnifsu meta jkun irrabjat, għad illi wara li jagħmel l-att imbagħad qisu jiddispjaċih, u anke għandu l-vizzju tax-xorb li jispiċċa jiggrava s-sitwazzjoni. Stqarret li għalkemm dejjem kien

hemm il-problemi, inkluż abbuż fiżiku, peress li kienet fiż-żmien meta kienet għadha bit-tfal żgħar allura b'mod jew ieħor kienet tvinċi u anke l-inċidenti ma' żewġha kienu, fi kliemha stess, *ikun hemm gap li inti ħa toqgħod naqra free*. Xehdet ukoll li dawn l-inċidenti ma' l-imputat ħallew u jħallu impatt fuq saħħitha tant illi matul iż-żmien daħlet l-isptar madwar tlieta u erba' darbiet. Fir-rigward iddikjarat illi *kienet taqbadni bħal biża', ġieli ħassni ħażin, kienu jeħduni l-isptar u ġieli ħaduni bl-ambulanza. Kienu jaħsbu li qed itini xi stroke u qisni meta kont nasal l-isptar kien jgħaddili kollox għax qisni għandi l-wens hemmhekk. It-tabiba, l-aħħar li mort, qaltli imma x'inhu jiġrilek eżatt imbagħad għedtilha li għandi naqra problemi mar-raġel u għidtilha meta jkun naqra aggressiv, inħoss id-demm jitla' kollox ġo rasi u qisni niġi unconscious. L-aħħar li mort jiġifieri telgħatli ħafna l-pressjoni fl-ambulanza, ġegħlui nieħu l-aspirina għaliex id-demm kien qawwi ħafna però meta kont immur għall-out patients u jittestjawli biex jaraw il-blood cloth, għax xkien jorqodli qisu ħalqi u nofs wiċċi, u kienu jgħiduli li jiena vera lucky għax għaddiet jekk kien hemm blood cloth. Irrakkomandawli li nieħu l-aspirina minħabba li d-demm huwa qawwi. Jiġifieri dħalt xi 3 jew 4 darbiet l-isptar minħabba f'hekk.*

Fir-rigward tal-ġrieħi li ġarbet Anna Dalli fl-aħħar inċident tal-21 ta' Novembru 2020, it-**Tabib Dr. Chris Muscat** ħareġ ċertifikat mediku fejn ċċertifika li ikkonstatata *erythema face* u kklassifika l-ġrieħi bħala *slight*[20]. Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti, it-Tabib Dr. Chris Muscat iddikjara li *jiena fit-22 ta' Novembru, fis-1:30a.m., kont stazzjonat xogħol fil-Floriana Health Centre u eżaminajt lil Anna Dalli. ... Din kellha xi diżgwid ma' xi ħadd u meta eżaminajtha kellha ħmura ġo wiċċha bħal meta taqla' daqqa ta' ħarta jew xi ħaġa hekk*. Għalkemm stqarr li diffiċli jgħid eżatt kif ġiet ikkawżata din il-ħmura li kellha f'wiċċha Anna Dalli, it-Tabib Muscat iddikjara li *jista' jkun daqqa ta' xi ħaġa ċatta*[21].

L-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri**[22], nominat sabiex jagħmel eżami mediko-legali fuq Anna Dalli, xehed illi *eżaminajtha nhar id-9 ta' Settembru tas-sena 2021 fejn din allegat illi r-raġel tagħha kien ilu jerfa' idejh fuqha mis-sena 2019 iżda qatt ma kkaġunalha xi leżjonijiet jew xi marki trawmatiċi. Din qalet illi riżultat ta' dawn l-inċidenti din qatt ma daħlet l-isptar u qatt ma ġew inseriti xi suturi. Staqsejtha jekk kellhiex xi leżjonijiet viżibbli f'wiċċha, f'għonqha, f'idejha, eżaminajtha u ma kellhiex, m'għandhiex nuqqas jew permanenza ta' dizabilità, m'għandha diżabilità imkien, kienet orjentata għal lok, ħin u persuna però jiena ma qagħadtx fuq li qaltli hi imma għamilt riċerka fl-istorja medika tagħha u irriżulta li din kienet ilha tidħol u toħroġ l-isptar biex jinvestigawha, kienet daħlet b'chest pain, kienet daħlet b'uġigħ fuq wiċċha u sarilha CT scan però qatt ma allegat illi qalgħet xebgħa, qatt ma kien hemm storja l-isptar illi qaltilhom illi qalgħet xebgħa. Issa jekk kellhiex uġigħ ta' ras għax qalgħet xebgħa u ma qaltilhomx, però m'hemm xejn iddokumentat*. Fir-Relazzjoni tiegħu, Dok. "MS" a fol. 145 sa' 153 tal-proċess, l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri kkonstata u kkonkluda ukoll, oltre dak minnu affermat fix-xhieda tiegħu, illi *minn riċerka li l-esponent għamel ta' l-istorja medika ta' Dalli, jirriżulta li din tbati bid-depression, għamlet żmien ma tieħux il-mediċinali tad-depression regolari u li qatt ma kellha suicidal thoughts*.

---

[20] Dok. "G" a fol. 17 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2021, fol. 79 u 80 tal-proċess.
[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 143 u 144 tal-proċess.

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-**imputat** iddikjara li huwa mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u fil-fatt fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija huwa kategorikament ċaħad li sawwat lil Anna Dalli[23]. Fir-rigward ta' l-inċident tal-21 ta' Novembru 2020, l-imputat ikkonferma li hu u Anna Dalli kellhom diżgwid iżda ċaħad li refa' idejh fuqha. Fi kliemu stess kull ma għamel kien li *imbuttajtha għidtilha ħallini kwiet. … Il-Liġi nafha li mhux suppost. Kemm imbuttajtha hekk. … Minn widnejha hekk.* Fir-rigward ta swat fuq Anna Dalli, l-imputat stqarr *le, qatt ma sawwattha lill-mara. … Għajjat magħha iva … u ġieli imbuttajtha, għax inħobb nimbotta jien, mhux insawwat però, li ssawwat mod u timbotta mod ieħor. … Immissha u ngħidilha oqgħod kwieta.* Mill-bqija huwa ċaħad dak kollu li Anna Dalli allegat fil-konfront tiegħu mal-Pulizija u in effetti stqarr li Anna Dalli kienet il-waħda li qalbitielu fil-bidu li kienu miżżewġin u li *l-mara qalet ħafna affarijiet li mhumiex minnhom. Għaliex? Għax dejjem in depression.* Stqarr ukoll illi *mill-gideb li qed tigdeb il-mara tiegħi, il-mara tiegħi taf xi trid? Tridu maqful, biex tkun tista' tixxala u tiddeverti u tisraqli flusi, dik. Għax għamiltha sinjura l-mara tiegħi, jien.* Rinfaċċjat b'iktar allegazzjonijiet ta' Anna Dalli fil-konfront tiegħu, li lkoll ċaħadhom, l-imputat irribatta billi stqarr li *r-relazzjoni tiegħi mal-mara meta tkun tajba, meta tkun 100% tajba orrajt. Meta hi tqum ħażina bid-depression, ġieli meta tibqa' rieqda u ma ssajjarx, hekk mhux qiegħda sewwa l-mara. Meta tlabtha mmorru għand it-tabib għax għandi l-kuġini tiegħi min hu professur u min hu tobba, ma reditx, allura noqgħod kwiet. Jiena daqsxejn misħun naf nagħmel, orrajt, spaghetti naf nagħmel, naf nagħmel ċertu affarijiet ta … naf nagħmilhom u niekol u ġieli nlesti anki għat-tifla jekk ma tiġix it-tifla u issajjar għaliha. … meta jiena inkun ġurnata barra f'dak il-…. u karozzi u sebaħ u dalam, u mmur id-dar u lanqas ttini ċans nidħol mill-bieb ta' barra, u tibda ttekktek, ma jkollix aptita. Jiena xogħoli taf x'inhu meta nidħol id-dar? Inneħħi l-ħwejjeġ, nieħu shower, għandi bottijiet tal-birra tal-lumi, ġieli … nħalltu bis-7Up ħalli nagħmel shandy, u noqgħod relax. Ħallini relax, mhux tibda b'dawk il-paroli ġo widnejja għax ma jkollix aptitek. U ngħdilha hekk jogħġbok ħallini, anki filgħodu x'inqum, irrodd is-salib, roddejtu s-salib? Nagħmilla, meta rodd is-salib u toqgħod. Il-mara mhux qiegħda sew Dott, jekk trid tisma' minni u temminni.* L-imputat temm l-istqarrija tiegħu billi stqarr li *Gideb hemm ħafna. …jinxifli lsieni. Gidbet ħafna imma l-mara ma tixtieqnix, il-mara taf li tird li wara sena li kelli t-tifel riedet tinfired. Tinfired fis-sens int aqta' għal rasek u jiena naqta' għal rasi. Dawk l-affarijiet ma nagħmilhomx, kelli għoxrin sena kont għadni żgħir. Ara kemm kont inħobb il-familja, żammejt il-familja wkoll. Rabbejt erbgħa. Sewwa! U bnejtilha u xtrajtilha ħames karozzi dik, qaltlek ħames karozzi dik jien. L-aħħar waħda xtrata hi għax wirtet.*

Fil-kors tal-proċeduri ġiet nominata l-Psikologa Dr. Roberta Holland sabiex teżamina l-istat mentali ta' Anna Dalli u fir-rigward l-imsemmija Psikologa ikkonstatat u kkonkludiet is-segwenti[24]: ***Preżentazzjoni u Dispożizzjoni:*** *Is-Sinjura Dalli kienet disponibbli sabiex isiru l-laqgħat neċessarji u kienet puntwali għall-appuntamenti. Dehret li xtaqet tikkoopera u li hija persuna kordjali u tirrispetta lill-awtorità. Minn naħa l-oħra dehret ukoll xi ftit dubjuża dwar l-għan*

[23] Dok. "MT" a fol. 100 sa' 127 tal-proċess.
[24] Vide Rapport ta' Dr. Roberta Holland, markat Dok. "RH" a fol. 157 sa' 174 tal-proċess.

*ta din l-evalwazzjoni u fil-bidu kienet ftit attenta xi tgħid. Iżjed ma għadda l-ħin, kien spjegat l-għan u l-proċess ta l-evalwazzjoni u l-intervista ħadet xejra ta konversazzjoni li kienet qed tfittex l-opinjoni tagħha, hija dehret ħafna inqas kawta f dak li qalet u dehret ġenwina u onesta fi kliemha u r-reazzjonijiet tagħha.* ***Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kienet qiegħda taħbi l-verità jew li kienet difensiva fil-konfront tagħha, però dehret difensiva fil-konfront tar-raġel tagħha f diversi drabi***[25]***. Verżjoni tas-Sinjura Dalli:*** *L-imputata* (recte: Anna Dalli) *kienet mistoqsija għalfejn intalab dan ir-rapport. Għall-ewwel hija ma tatx risposta ċara, qalet li kien intalab mid-difiża tar-raġel tagħha u tkellmet dwar aspetti pożittivi tar-raġel tagħha billi iddeskrivietu bħala raġel li jafda ħafna tant li safa vittma ta frodi. Minn hawnhekk kompliet tgħid kif hija kienet fetħet għajnejn ir-raġel tagħha f diversi okkażżjonijiet iżda hu qatt ma ta kasha. Skond hi, kien biss wara sensiela ta avvenimenti li flimkien mar-raġel, huma kienu fittxu l-parir professjonali li skond hi rriżulta li dak li kienet qiegħda tissusspetta kien minnu. Meta reġgħet kienet mistoqsija b mod dirett diversi drabi, finalment qalet li r-raġuni kienet li r-raġel tagħha kien qiegħed jallega li hi miġnuna . Minn hemm baqgħet tirrakkonta episodji dwar kif kien jittrattaha r-raġel. Fil-fehma tagħha, ir-raġel tagħha ma jistmax dak li tgħid hi u li l-imġieba tiegħu fil-konfront tagħha hija ġeneralment waħda li permezz tagħha huwa juri nuqqas ta rispett u li huwa ta kontroll. Semmiet diversi okkażżjonijiet li kienu evidenti sa mill-bidu taż-żwieġ tagħhom. Skond hi kollox beda minn kif iżżewġu u minn kliemu int marti u li ngħidlek jien trid tagħmel". Qalet li fejn qabel ġieli kienet tieħu ħsieb xi affarijiet hi, bħal ħlasijiet u finanzi, il-quddiem beda jikkontrolla kollox hu fid-dar. Minn naħa l-oħra, l-affarijiet ta kura u ndafa fid-dar kienu baqgħu dejjem responsabilità tagħha. Is-Sinjura Dalli semmiet kif ir-raġel tagħha spiss kien isabbat u jgħajjat meta kien jirrabja. Skond hi b mod konsistenti juri ostili lejha, iżda kontinwament attribwixxiet din għan-nuqqas ta edukazzjoni u għat-trobbija tiegħu. Hija qalet li s-sitwazzjoni aggravat kemm ilu li rtira u kien ikun iżjed id-dar. F dak iż-żmien kien ukoll skopra li kien ingannat fin-negozju. Minn hemm l-attitudini ostili lejha, rabja u inċidenti ta aggressività żdiedu. Skond hi, apparti xi diverġenza ta karattru, bħal per eżempju l-fatt li hi tħobb tippjana bil-quddiem u hu le, id-differenzi ta bejniethom żdiedu l-iżjed meta hi kienet tixtieq li tkun iżjed involuta fl-aspett tan-negozju jew finanzi, tipprova tiftaħlu għajnejh, jew tipprova tnebbħu b xi ħaġa u hu ma jgħidilha b xejn, ma jammettix żball, b hekk jirrabja u jirreaġixxi b mod ostili. Skond hi, ir-raġel baqa dejjem kontrollat mill-familja tiegħu. Kif intqal is-sitwazzjoni aggravat f dawn l-aħħar sentejn fejn is-Sinjura Dalli qalet li r-raġel sar ma jafdaha f xejn lanqas fix-xirjiet li tagħmel u lanqas itiha flus. Hija rrakkontat żewġ inċidenti partikolari fejn intuża l-vjolenza fiżika fuqha. L-ewwel waħda notevoli kienet madwar sentejn ilu fejn ir-raġel tagħha refa idejh fuqha u akkużaha li serqitlu l-flus. L-okkażżjoni l-oħra kienet f Novembru tal-2020 meta skond hi r-raġel ħallielha biss Euro 20 u issusspetta ħażin fiha fix-xirja li għamlet. Minn hemm, is-Sinjura Dalli qalet li l-ewwel taha daqqa f rasha imbagħad daqqa ta ponn f wiċċha. Skond hi dak il-ħin kien hemm it-tifla, u t-tifel tat-tifla preżenti. Minn hawnhekk kien sar rapport l-għassa. Iżjed minn hekk, is-Sinjura Dalli qalet li r-raġel tagħha sar ikun iżjed nervuż u aggressiv f dati meta jkollu l-Qorti inkluż okkażjoni fl-aħħar ġimgħat fejn beda jgħajjat u jsabbat b mod aggressiv tant li hi, flimkien mat-tifla u n-neputi telqu l barra mid-*

[25] Enfasi tal-Qorti.

*dar. Dakinhar kien ukoll sabbat il-bieb warajhom. Rigward l-istat tagħha, is-Sinjura Dalli qalet li f dawn l-aħħar ġimgħat ma kienetx qiegħda tħossha f sikkitha fejn kienet mimlija b sens ta rimors li rrapportat lir-raġel tagħha u li l-każ spiċċa l-Qorti. Dan anke peress li hu spiss jgħidilha li daħħlitu fħ'afna nkwiet. Ammettiet li rigward l-involviment tagħha f attivitajiet li normalment tagħmel, inkluż faċendi fid-dar, hija kienet qiegħda tħossha għajjiena u naqqset mill-produttività tagħha. Kienet ukoll xi ftit nieqsa mill-interess f attivitajiet li normalment tagħmel ta kuljum, iżda uriet ukoll li għadna tieħu interess suffiċjenti u baqgħet involuta f affarijiet importanti bħal familja. Semmiet li fil-passat kienet ingħatat xi mediċini psikjatriċi għall-ansjetà u dan l-aħħar, fuq parir tat-tabib, reġgħet għamlet użu mill-istess mediċini. Dan kien biss għal ftit ġranet fejn wara dan waqfet din il-kura. Is-Sinjura Dalli tiddeskrivi lilha nifisha bħala mara b saħħitha u resiljenti li għaddiet minn ħafna fħ'ajjitha iżda li dejjem baqgħet tiġġieled u tiffaċċja l-isfidi tal-ħajja b mod sod. Riċentement però, ħassitha xi ftit imdejqa minħabba s-sitwazzjoni li tinsab fiha, rigward l-attitudini tar-raġel u l-każ li spiċċa l-Qorti. Hija kienet inkwetata wkoll dwar xi riperkussjonijiet li kien hemm fuq il-membri tal-familja minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19. Bħalissa, l-iżjed ħaġa li kienet qiegħda tinkwetaha kien is-sens taħ 'tija li tellgħet lir-raġel il-Qorti. Minn naħa l-oħra, tara x tagħmel sabiex tibqa sogħda fuq saqajha u kemm jista jkun tibqa attiva kif kienet qabel. L-attitudini tagħha lejn il-ħajja tidher li hija ta mara kuraġġuża. Hija ma tiddejjaqx tammetti il-vulnerabilità jew diffikultajiet tagħha u lanqas iddejqet tfittex l-għajnuna meta kellha bżonn.*

***Funzjoni Konjuttiva u Emozzjonali:*** *Għal bidu ta l-intervista klinika s-Sinjura Dalli kienet ħerqana li tgħid dak li kellha xi tgħid hi u ma rrispondietx il-mistoqsijiet direttament. Però dan kien minħabba l-fatt li kienet aġitata u kellha dubju dwar l-għan ta l-intervista u ta l-evalwazzjoni. Iżjed ma tkellmet u ħassitha komda, dehret li kapaċi tifhem sew dak li jkun qed jintqal u kapaċi żżomm konversazzjoni adegwata, loġika u reċiproka. Ma dehritx li tbati minn xi diffikultà konjuttiva, fin-natura u proċess taħ 'sibijiet, ta attenzjoni jew konċentrazzjoni. Hija kapaċi tirrifletti fuqha nnifisha u kapaċi tifhem u tesprimi l-ħsibijiet, l-imġieba u l-emozzjonijiet tagħha b mod sodisfaċenti. Bħala valuri, jidher li tagħraf x inhuma l-valuri xierqa u tagħraf ukoll x tip ta aġir huwa wieħed responsabbli. Emozzjonalment is-Sinjura Dalli tagħarf l-emozzjonijiet tagħha u kapaċi tesprimihom. Hija kapaċi tesperjenza u tesprimi firxa adegwata ta emozzjonijiet. Tidher li hija sensittiva għal ħtiġijiet tagħha u taħ 'addieħor. F mumenti ta frustrazzjoni, tidher li tista tesprimi lilha nnifisha b mod bir-rabja iżda ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li f dawn il-mumenti, li jkunu qosra, m hix kapaċi tirregola l-emozzjonijiet b mod sodisfaċenti li titlef il-kontroll ta l-aġir tagħha.* ***Matul l-intervista, il-kontenut konjuttiv u dak emozzjonali kien kongrumenti[26]. Storja ta Saħħa Mentali:*** *Is-Sinjura Dalli nnegat li hija qatt kienet rikoverata fi sptar jew li qatt kellha sintomi serji ta saħħa mentali. Hija qalet li madwar ħames snin ilu, u meta kienet għaddejja minn żmien diffiċli relatat mas-sitwazzjoni tar-raġel fin-negozju, hija kienet marret għand psikjatra. Dan il-pass ma kienx diffiċli għaliha peress li fil-passat ġieli kienet ħadmet ma' l-istess psikjatra permezz tax-xogħol tagħha. Il-psikjatra kien taha xi mediċini indirizzati lejn sintomi depressivi u hi kienet għamlet użu minnhom għal madwar ġimgħa.*

[26] Enfasi tal-Qorti.

*F'Awwissu li għadda, meta reġgħet sabet ruħha taħt l-istess tip ta' pressjoni u minħabba s-sitwazzjoni tal-każ tar-raġel tagħha, hija esperjenzat xi sintomi ta' dwejjaq u fuq parir tat-tabib, reġgħet għamlet użu mill-istess mediċini. Hawnhekk, reġgħet użathom għal madwar ġimgħa iżda mbagħad iddeċidiet li tgħaddi u taffronta s-sitwazzjoni mingħajr mediċini.* ***Iżjed minn hekk, ma jidhirx li hi tippreżenta b'sintomi ta' natura psikjatrika jew sintomi ta' saħħa mentali notevoli jew tali li jfixkluha mill-ħajja ta' kuljum. Hija ma esprimietx ħsbijiet awto-distruttivi u nnegat li tixtieq jew li għaddielha minn moħħha li tmut***[27]. ***Osservazzjoni Klinika:*** *Bħala karattur s-Sinjura Dalli tidher li hi xi ftit suspettuża u jidher li spiss tesprimi dawn il-ħsibijiet mar-raġel tagħha. Minn naħa l-oħra kien evidenti li hija tinsab tbati minn livell għoli ta' ansjetà u li tinsab taħt pressjoni minħabba s-sens ta' ħtija, tant li nsistiet li ssemmi aspetti pożittivi dwar ir-raġel tagħha sabiex tpatti lura għal ħsara li dehrilha li għamlet. Il-fatt li għal diversi snin kienet vittma ta' xi mġieba ostili minn naħa tiegħu kien evidenti li fl-emoizzjoni li wriet meta kienet qiegħda tirrakkonta ċertu avvenimenti jew inċidenti, inkluż dawk mill-passat u mill-ħajja ta' kuljum.* ***Is-sens ta' ħtija li esebixxiet kien tipiku ta' vittmi ta' vjolenza domestika li jibdew jemmnu li huma għamlu xi ħaġa ħażina, jew li l-għawġ li jinsabu fih huwa tort tagħhom. Hija fil-fatt qalet li fil-ġranet li fihom tħossa agħar mis-soltu huma meta jkun hemm is-seduti tal-Qorti tar-raġel tagħha***[28]. *Waqt l-intervista s-Sinjura Dalli dehret xi ftit imdejqa jew burdata ħażina iżda dan ma kienx b'mod li kien klinikament inkwetanti. Mill-intervista deher li dawn is-sintomi li qiegħda tesebixxi, u li dan l-aħħar fixklu xi ftit l-andament tagħha, huma relatati mas-sitwazzjoni li għaddejja minnha, jew meta għaddiet minn sitwazzjoni simili fil-passat.* ***Ma jidhirx li bħala tendenzi hija normalment tbati minn sintomi ta' natura depressiva u tidher li ġeneralment, minn dan l-aspett hija tiffunzjona b'mod sodisfaċenti fuq livell personali u dak interpresonali u b'mod li huwa kongruwenti ma' dak li tkun għaddejja minnu fil-ħajja. Ir-reazzjonijiet tagħha ma dehrux li huma esaġerati meta wieħed iqis is-sitwazzjoni li tinsab fiha***[29].

…

***Sintesi u Konklużjoni:*** *Mill-evalwazzjoni li saret u mill-analiżi tar-riżultati* ***ma jidhrix li s-Sinjura Dalli fil-passat jew normalment tbati minn xi forma ta' diffikultà notevoli minn aspett ta' saħħa mentali, fil-funzjoni personali u interpersonali ġenerali tagħha ta' kuljum, minn aspett konjuttiv jew emozzjonali, u lanqas fl-imġieba tagħha. L-evalwazzjoni uriet li minn aspett konjuttiv u emozzjonali, hija tiffunzjona b'mod sodisfaċenti u b'wieħed li jiffaċilita ħajja adegwata minn aspett personali, u anke fir-relazzjonijiet tagħha ma oħrajn***[30]. *Kapaċi tifhem dak li jintqal, kapaċi żżomm konversazzjoni reċiproka, tifhem u tirrifletti fuq l-imġieba tagħha u l-konsegwenzi, u kapaċi tesprimi lilha nnifisha. Ma kien hemm xejn x'jindika li hemm xi diffikultà fin-natura u proċess tal-ħsieb jew ħsibijiet tagħha.*

---

[27] Enfasi tal-Qorti.
[28] Enfasi tal-Qorti.
[29] Enfasi tal-Qorti.
[30] Enfasi tal-Qorti.

*Hija għandha memorja tajba u mhijiex diżorjentata.* ***Fir-rakkont tagħha, l-aspetti emozzjonali u verbali kienu kongruwenti u ma kien hemm xejn x'jindika li hija ma kienetx qiegħda tgħid il-verità kif taraha hi. Tat biżżejjed kuntest għal kull stqarrija li għamlet li jindikaw li l-esperjenza hija reali mhux fittizja jew immaġinata[31].*** *Is-Sinjura Dalli esprimiet xi sintomi li hi qalet li batiet minnhom f'dawn l-aħħar ġimgħat. Dawn jinkludu l-iżjed għejja fejn tħossha għajjiena matul il-ġurnata. Hija kienet iżjed imdejqa mis-soltu u fil-fatt naqset fl-impenn u involviment tagħha fl-affarijiet ta' kuljum, bħal faċendi tad-dar. Minn naħa l-oħra, xorta jirnexxielha torqod tajjeb, tiekol u tqum għal kull ġurnata u tlaħħaq mar-responsabbiltajiet tagħha ta' kuljum.* ***Is-sintomi li esprimiet dehru ta' natura depressiva iżda minn iżjed evalwazzjoni, u mit-testijiet strutturati, għalkemm deher li qiegħda tbati minn xi sintomi, dawn ma dehrux f'livell konsiderevoli jew wieħed ta' tħassib serju. Madanakollu, huma tali li jirrikjedu attenzjoni[32].*** *Dehru wkoll sintomi ta' ansjetà li tidher f'livell moderat jew għoli, iżda minn kif spjegat,* ***din l-ansjetà tidher li hija relatata mas-sitwazzjoni tagħha bħalissa, u cioè, il-fatt li skond hi kienet vittma ta' nuqqas ta' rispett minn naħa tar-raġel tagħha, vittma ta' vjolenza domestika, u fuq kollox li dan il-każ spiċċa il-Qorti[33].*** *Fil-fatt hija esprimiet sens ta' ħtija u rimors qawwi bħal donnha tħoss li dan kollu huwa tort tagħha. Fl-intervista, kontinwament dehret tikkumpensa għal dan il-ħsieb billi titkellem b'mod pożittiv dwar ir-raġel tagħha, minkejja li semmiet ukoll nuqqas ta' rispett, u inċidenti ta' vjolenza jew agressività fil-konfront tagħha. Minn aspett ta' personalità ma jidhirx li s-Sinjura Dalli tbati minn tendenzi f'livell ta' Diżordni tal-Personalità u lanqas f'livell li huwa klinikament sinifikanti. Hija tidher li b'mod ġenerali għandha karatteristiċi inkluż nuqqas ta' stima fiha nnfisha, sens ta' inadegwatezza jew mistħija, u tendenza li tissusspetta ħażin f'ħaddieħor. Minn naħa l-oħra hemm ix-xewqa li tifforma relazzjonijiet ma' ħaddieħor li turi li hi persuna ta' valur. Dan l-kuntrast lilha spiss iħalliha b'konflitt intern u li jirriżulta f'ansjetà, frustrazzjoni jew nuqqas ta' kuntentizza. Fil-fatt dawn huma l-istess tendenzi li dehru matul l-intervista u assessjar kollu.* ***Dan ifisser li dawn is-sintomi kienet qiegħda tbati minnhom f'dawn l-aħħar ġimgħat, huma pjuttost konsistenti fil-personalità u karattru tagħha iżda normalment ikunu f'livell li ma jkunx ta' xkiel għaliha. Jidher li fi żmien ta' stress u tensjoni, naturalment jesebixxu ruħhom b'mod iżjed prominenti u fil-fatt mill-evalwazzjoni kollha hekk jidher għax dawn l-istess tendenzi kienu dawk li dehru fuq kollox. Kif intqal, dawn is-sintomi huma preżenti bħalissa u jidhru li huma f'livell xi ftit iżjed għoli mis-soltu u għaldaqstant jirrikjedu attenzjoni, però m'humiex f'livell inkwetanti ħafna jew f'livell li jtellfuha b'mod evidenti fil-ħajja ta' kuljum u fil-funzjoni ġenerali tagħha[34].***

Mir-Relazzjoni tal-Psikologa Dr. Roberta Holland, li appożitament ġiet hawn ċitata *in extenso* mill-Qorti, jirriżulta li, kuntrarjament għal dak allegat mill-imputat, Anna Dalli ma tbatix minn kondizzjonijiet ta' saħħa mentali u lanqas tbati min depressjoni f'livelli tali li jimpinġu fuq l-aġir u kredibilità tagħha. Jirriżulta invece mill-istess

[31] Enfasi tal-Qorti.
[32] Enfasi tal-Qorti.
[33] Enfasi tal-Qorti.
[34] Enfasi tal-Qorti.

Relazzjoni li Anna Dalli qed tgħid il-verità. Il-Qorti tosserva li l-kredibilità ta' Anna Dalli hija maġġorment rinforzata mill-fatt li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha baqgħet konsistenti, kemm meta kellmuha l-Pulizija, senjatament meta ġiet mitkellma mill-Ispettur Eman Hayman, kif ukoll meta xehdet quddiem il-Qorti fil-kors ta' dawn il-proċeduri u anke meta kellha l-intervista mal-Psikologa Dr. Roberta Holland. Mix-xhieda ta' l-Ispettur Hayman mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2021[35], jirriżulta li Anna Dalli stqarret miegħu l-istess affarijiet li xehdet dwarhom quddiem il-Qorti u li stqarret mal-Psikologa fil-kors ta' l-intervista magħha. Mir-Relazzjoni tal-Psikologa Roberta Holland jirriżulta wkoll li Anna Dalli tbati minn sens ta' ansjetà, li però xorta jippermettilha tiffunzjona b'mod normali, mhux għax għandha problemi mentali intrinsiċi fiha nfisha iżda minħabba s-sitwazzjoni li tinsab fiha, posizzjoni din ta' vittma ta' vjolenza domestika.

Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, "vjolenza domestika" tfisser *kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*

Ikkunsidrati l-fatti kif emerġenti mix-xhieda ta' Anna Dalli, xhieda li fil-fehma tal-Qorti hija għal kollox veritiera, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-elementi tal-vjolenza domestika effettivament jissussistu f'dan il-każ.

Raġġunta din il-konklużjoni l-Qorti teħtieġ issa tikkunsidra kull imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat sabiex tiddetermina fl-ispeċifiku l-ħtija tiegħu o meno għall-istess.

L-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija fis-sens li nhar il-21 ta' Novembru 2020, fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew xhur u/jew snin ta' qabel iżda mhux aktar minn sentejn, ġewwa l-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad detriment tal-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bil-vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[36] relattivi għal din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat huma l-Artikoli 251, 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(i) u 202(i)(j) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat għalhekk tirreferi għar-reat ta'

[35] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess.
[36] Fol. 176 u 177 tal-proċess.

vjolenza kontra l-privat, previst fl-Artikolu 251 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti skond l-Artikoli 251H u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn konsiderazzjoni tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari x-xhieda ta' Anna Dalli u r-Relazzjoni tal-Psikologa Dr. Roberta Holland, jirriżulta pruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat ta' vjolenza kontra l-privat, hekk kif previst fl-Artikolu 251 (1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti jirriżulta li l-imputat kien fiżikament u psikoloġikament vjolenti fil-konfront ta' Anna Dalli u dana bl-iskop li jnaqqas l-abilitajiet tagħha u anke jillimitalha l-aċċess għall-flus. Jirriżulta li l-imputat wasal fil-ħsieb tiegħu stante li mir-Relazzjoni tal-Psikologa Dr. Roberta Holland jirriżulta li Anna Dalli għandha *nuqqas ta' stima fiha nnfisha, sens ta' inadegwatezza jew mistħija, u tendenza li tissusspetta ħażin f'ħaddieħor* u mix-xhieda ta' Anna Dalli jirriżulta mhux biss li l-imputat jikkontrolla l-flus iżda addirittura hija tibża' tuża l-flus li huwa stess jagħtiha għaliex jispiċċa jwaħħal fiha li nefqithom b'mod żbaljat u mhux kif suppost u jsir aggressiv fil-konfront tagħha.

Oltre li l-imputat jirriżulta li huwa ħati tar-reat ta' vjolenza privata ai termini ta' l-Artikolu 251(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa addirittura ħati ta' dan ir-reat bl-aggravanti previsti fl-Artikoli 251H(a)(b), 251HA, u 202(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-piena għad-delitti imsemmijin fl-artikoli 251 sa' 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin* - u s-subparagrafi (a) u (b) jipprovdu - *(a) id-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha: Iżda f'dan il-parafrafu "konjuġi" tinkludi persuna li iż-żwieġ tagħha ma' l-akkużat ġie xolt jew dikjarat null; (b) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament.*

Fil-każ in eżami mhux kontestat li l-imputat u Anna Dalli huma miżżewġin. Mix-xhieda ta' Anna Dalli jirriżulta wkoll bl-iktar mod ċar u evidenti li l-vjolenza fuqha twettqet ripetutament u in effetti tat dettalji ta' mill-inqas tlett okkażżjonijiet fejn l-imputat kien fiżikament vjolenti fil-konfront tagħha, darbtejn fl-2020 u darba fl-2019.

L-Artikolu 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra digà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.* Fil-fehma tal-Qorti ladarba f'dan il-każ già japplika l-Artikolu 251H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' aggravji fejn jirrigwarda l-fatt li l-vittma hija mart l-imputat u li l-atti ta' vjolenza twettqu ripetutament, l-Artikolu 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss fil-kuntest ta' l-Artikolu 202(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar iċ-ċirkostanza meta *d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir*. Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Anna Dalli jirriżulta li f'ċirkostanza minnhom, ossia waqt l-inċident li seħħ fis-sajf ta' l-2020,

kien hemm preżenti n-neputi tagħha u ta' l-imputat, liema neputi huwa minorenni kif jirriżulta mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ippreżentat mill-Ispettur Eman Hayman markat Dok. "GVX" a fol. 137 tal-proċess.

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ai termini ta' dak previst fl-Artikoli 251(1)(2), 251H(a)(b), 251HA u 202(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija fis-sens illi nhar il-21 ta' Novembru 2020, fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew xhur u/jew snin ta' qabel iżda mhux aktar minn sentejn, ġewwa l-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (2) ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Anna Dalli, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li kkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[37] relattivi għal din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat huma l-Artikoli 251A(1)(a)(b), 222(1)(a), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(i) u 202(i)(j) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-reat dedott fil-konfront ta' l-imputat bit-tieni imputazzjoni avvanzata fil-konfront tiegħu għalhekk huwa r-reat ta' fastidju previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti previsti fl-Artikoli 251H u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jennifer Catania, Appell Krim. Nru. 351/17** deċiża fit-30 ta' Ottubru 2018, l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *huwa meħud kważi kelma b'kelma mill-liġi "Protection From Harassment Act 1997". Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej: The Act describes itself as one "to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct". It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person including alarming the person or causing the person distress. In "Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and Anor, The Times" Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in "Thomas vs News Group Newspaper Ltd and Anor", it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm and distress and which was oppressive and unreasonable. Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it's that they could be described as 'a course of conduct': Lau v. DPP. In "Pratt vs DPP" it was said that the concern which the 1997*

[37] Fol. 176 u 177 tal-proċess.

*Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her. The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.*

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta b'mod ċar u addirittura 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-komportament ta' l-imputat fil-konfront ta' martu huwa kjarament dak li fis-sistema legali Ingliża huwa magħruf bħala *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship,* komportament dan li filwaqt li huwa ħażin, anzi in verità kriminali, ma jaqax però taħt il-parametri tal-fastidju. Il-kunċett ta' *harassment* kif intiż ukoll fil-Prevention From Harassment Act, 1997, liema Att huwa l-fonti ta' l-Artikolu 251A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jittratta dwar tip ta' aġir kompletament differenti minn aġir li huwa *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship*. Din l-osservazzjoni ssib sostenn f'dak osservat fid-deċiżjoni **Thomas v. News Group Newspaper Ltd and Anor**[38] u fid-deċiżjoni **Pratt v. DPP**[39], entrambe ċitati fis-sentenza **Il-Pulizija v. Catania**, fejn ġiet trattata proprio *the nature of harassment*.

Fid-deċiżjoni **Thomas v. News Group Newspaper Ltd and Anor**, il-Qorti osservat illi *Section 7 of the 1997 Act does not purport to provide a comprehensive definition of harassment. There are many actions that foreseeably alarm or cause a person distress that could not possibly be described as harassment. It seems to me that section 7 is dealing with that element of the offence which is constituted by the effect of the conduct rather than with the types of conduct that produce that effect. The Act does not attempt to define the type of conduct that is capable of constituting harassment. "Harassment" is, however, a word which has a meaning which is generally understood. It describes conduct targeted at an individual which is calculated to produce consequences described in section 7 and which is oppressive and unreasonable. The practice of stalking is a prime example of such conduct.*

Fid-deċiżjoni **Pratt v. DPP**, il-Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni "R v. Hills" u fir-rigward osservat illi: *the Court referred to the passage in Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, which was current at that time, which read as follows: "The Act describes itself as one "to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct". It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of "stalking". There is, however, no attempt at a definition of harassment, although Section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. It is obvious, therefore,*

[38] [2001] EWCA Civ 1233; [2002] EMLR 78.
[39] [2001] EWHC Admin 483.

*that the Act may be used to prosecute a range of persons apart from those commonly referred to as "stalkers". The Court considered that this provided a useful background against which to determine how the phrase "a course of conduct" which is the essence of the offence, should be construed and applied in relation to the facts of the particular case. It concluded that, on the papers as originally presented to the court, the assaults appeared to be linked rather than constituting separate and isolated incidents. But when the complainant gave evidence, she was vague as to dates, and under cross-examination her accounts of various incidents of violence were irreconcilable with her previous evidence. Accordingly, the Court came to the conclusion that properly considered in the context of the provisions of this Act, the two incidents of violence were in fact two separate incidents of violence and that there was no appropriate or sensible causal connection which could justify the conclusion that they were connected so as to amount to a course of conduct. At paragraph 31, Otton LJ said this: "It is to be borne in mind that the state of affairs which was relied upon by the prosecution was miles away from the "stalking" type of offence for which the 1997 Act was intended. That is not to say that it is never appropriate so to charge a person who is making a nuisance of himself to his partner or wife when they have become estranged. However, in a situation such as this, when they are frequently coming back together and intercourse was taking place (apparently a video was taken of them having intercourse) it is unrealistic to think that this fell within the stalking category which either postulates a stranger or an estranged spouse. That was not the situation when the course of conduct relied upon was committed.*

Dak li din il-Qorti qed tgħid huwa li filwaqt li l-aġir ta' l-imputat - li jiġi ribit huwa *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship* - huwa fil-fehma tagħha aġir punibbli kriminalment, ma huwiex però u ma jistax jitqies bħala aġir li jaqa' taħt l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement ma jistax jiġi sanzjonat u punit skond it-termini hemm previsti. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għad-Dibattiti Parlamentari fejn kienet qed tiġi diskussa *inter alia* l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 251A fil-Kodiċi Kriminali, li minnhom joħroġ b'mod ċar it-tip ta' aġir intiż li jaqa' taħt l-effetti u s-sanzjoni ta' dan il-provvediment tal-Liġi.

Fid-Dibattitu li seħħ fit-13 ta' Ġunju 2005, ingħad: *nixtieq ukoll nagħmel suġġeriment ieħor lil-leġiżlatur ta' dan l-abbozz ta' liġi sabiex jagħti elenku indikattiv ta' dak li qed nifhmu b'fastidju, kif fil-fatt hemm fil-liġi Ingliża. L-Ingliżi għaddew liġi fuq l-istalking fl-1997, fejn l-ewwel kien għadda bħala private member's bill fl-1996 u mbagħad Michael Howard kien għaddiha bħala liġi fl-1997. U l-liġi Ingliża tagħti lista ta' attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala fastidju. Għandek per eżempju: "following, loitering near, watching or approaching another person, telephoning or contacting another person by any means, interfering with property of which one is not the owner when such is in the possession of another, leaving offensive, unwarranted or unsolicited material at a place where another lives, works, or regularly visits". Imbagħad għandek l-umbrella clause. "Doing any other act or acting in connection with another person which is reasonably likely to cause a person to feel harassed, alarmed, distressed..." Mela l-liġi Ingliża tat elenku indikattiv ta' x'jista' jammonta għal fastidju mingħajr ma xekklet lill-ġudikant għaliex għamlitlu l-umbrella clause li kopriet kollox. Għalhekk naħseb li dan huwa suġġeriment tajjeb li għandna nieħdu spunt minnu.*

Apparte minn hekk il-Qorti tosserva wkoll li proprio minħabba l-fatt li *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship* ma setax jiġi kriminalment proċessat taħt ir-reat ta' *harassment* previst fil-Prevention From Harassment Act, 1997, l-att li a bażi tiegħu ġie introdott ir-reat ta' fastidju fil-Liġi tagħna, li fis-sistema Kriminali Ingliża ddaħħal reat *ad hoc*, ossia appuntu r-reat ta' *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship*.

Fil-*Controlling or Coercive Behaviour in an Intimate or Family Relationship, Statutory Guidance Framework*, pubblikata mill-Home Office f'Diċembru 2015, hemm provdut is-segwenti: *The Serious Crime Act 2015 (the 2015 Act) received royal assent on 3 March 2015. The Act creates a new offence of controlling or coercive behaviour in intimate or familial relationships (section 76). The new offence closes a gap in the law around patterns of controlling or coercive behaviour in an ongoing relationship between intimate partners or family members. ... This offence is constituted by behaviour on the part of the perpetrator which takes place repeatedly or continuously". The victim and alleged perpetrator must be personally connected" at the time the behaviour takes place. The behaviour must have had a serious effect" on the victim, meaning that it has caused the victim to fear violence will be used against them on at least two occasions", or it has had a substantial adverse effect on the victim's day to day activities". The alleged perpetrator must have known that their behaviour would have a serious effect on the victim, or the behaviour must have been such that he or she ought to have known" it would have that effect. ... The offence closes a gap in the law around patterns of controlling or coercive behaviour that occurs during a relationship between intimate partners, former partners who still live together or family members. This offence sends a clear message that this form of domestic abuse can constitute a serious offence particularly in light of the violation of trust it represents and will provide better protection to victims experiencing repeated or continuous abuse. It sets out the importance of recognising the harm caused by coercion or control, the cumulative impact on the victim and that a repeated pattern of abuse can be more injurious and harmful than a single incident of violence. ... Controlling or coercive behaviour does not relate to a single incident, it is a purposeful pattern of behaviour which takes place over time in order for one individual to exert power, control or coercion over another. This new offence focuses responsibility and accountability on the perpetrator who has chosen to carry out these behaviours. The cross-Government definition of domestic violence and abuse outlines controlling or coercive behaviour as follows: Controlling behaviour is: a range of acts designed to make a person subordinate and/or dependent by isolating them from sources of support, exploiting their resources and capacities for personal gain, depriving them of the means needed for independence, resistance and escape and regulating their everyday behaviour. Coercive behaviour is: a continuing act or a pattern of acts of assault, threats, humiliation and intimidation or other abuse that is used to harm, punish, or frighten their victim." ... The types of behaviour associated with coercion or control may or may not constitute a criminal offence in their own right. It is important to remember that the presence of controlling or coercive behaviour does not mean that no other offence has been committed or cannot be charged. However, the perpetrator may limit space for action and exhibit a story of ownership and entitlement over the victim. Such behaviours might include: isolating a person from*

*their friends and family; depriving them of their basic needs; monitoring their time; monitoring a person via online communication tools or using spyware; taking control over aspects of their everyday life, such as where they can go, who they can see, what to wear and when they can sleep; depriving them of access to support services, such as specialist support or medical services; repeatedly putting them down such as telling them they are worthless; enforcing rules and activity which humiliate, degrade or dehumanise the victim; forcing the victim to take part in criminal activity such as shoplifting, neglect or abuse of children to encourage self-blame and prevent disclosure to authorities; financial abuse including control of finances, such as only allowing a person a punitive allowance; threats to hurt or kill; threats to a child; threats to reveal or publish private information (e.g. threatening to out someone); assault; criminal damage (such as destruction of household goods); rape; preventing a person from having access to transport or from working. This is not an exhaustive list. For the offence to apply: The controlling or coercive behaviour must take place repeatedly or continuously". … The pattern of behaviour has to have a serious effect" on the victim. … The behaviour must be such that the perpetrator knows or ought to know" that it will have a serious effect on the victim. … The perpetrator and victim have to be personally connected when the incidents took place. … Stalking and Harassment. Case law suggests that the current law on stalking and harassment does not apply to controlling or coercive behaviour that takes place in an ongoing intimate relationship. The offence of controlling or coercive behaviour closes this gap in the law as it can take place in an ongoing relationship. The police should draw on their experience of evidencing an offence committed over a period of time in order to prove stalking or harassment offences. The status of the relationship at the time the offence took place should help determine which offence applies. There may be cases where the victim and perpetrator are no longer living together or in a relationship, and the perpetrator is still attempting to exert control over the victim, for example, by stalking or monitoring the victim, or threatening or intimidating them. In such cases stalking and harassment legislation should be used.*

Il-Qorti hi fil-fatt tal-fehma li l-aġir ta' l-imputat verso martu Anna Dalli iktar jaqa' taħt ir-reat previst fl-Artikolu 251 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li tiegħu huwa fil-fatt qed jinstab ħati, milli taħt l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar ir-reat ta' fastidju.

Konsegwentement għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta kontra l-imputat, huwa qed jiġi akkużat talli nhar il-21 ta' Novembru 2020, fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew xhur u/jew snin ta' qabel iżda mhux aktar minn sentejn, ġewwa l-Gżira u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) Ikkaġuna lill-mara tiegħu, Anna Dalli, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha, liema delitt twettaq ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u, jew bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivi għal din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat huma l-Artikoli 251B, 222(1)(a), 251H(a)(b), 251HA. 202(h)(i), 202 (i)(j) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn persuna bl-imġieba tiegħu jikkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu u l-kriterju determinati, oltre evidentement il-biża' li ser tintuża vjolenza, huwa dak tal-*course of conduct* li naturalment jirrikjedi li jkun hemm iktar minn inċident wieħed u li l-inċidenti jkunu relattivament frekwenti. Għalkemm fil-każ in eżami rriżulta *a course of conduct* da parte ta' l-imputat li a bażi tiegħu Anna Dalli beżgħet li ser tintuża vjolenza kontriha - vjolenza li fil-fatt diversi drabi seħħet - hawn ukoll il-Qorti tqis li l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax f'dan il-każ.

Wieħed ma jridx jinsa l-Artikoli 251A, 251B, 251Ċ u 251D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew introdotti prinċipalment għal sitwazzjonijiet li fil-bażi tagħhom hemm il-fastidju tant illi r-reat previst fl-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll huwa ispirat mill-Protection From Harassment Act 1997 ta' l-Ingilterra. Ladarba ġie konkluż li l-każ in eżami ma huwiex wieħed ta' fastidju *per se* iżda iktar wieħed ta' *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship* konsistenti fir-reat ta' vjolenza kontra l-privat għandu jsegwi li l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax.

Detto ciò l-Qorti tqis li f'dan il-każ jista' u fil-fatt għandu japplika l-Artikolu 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi li: *kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn: Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, huwa jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqas b'grad wieħed jew tnejn.*

Din il-konklużjoni tal-Qorti hija rafforzata mill-fatt li fil-każ in eżami ma hemmx dubju li l-kumpilazzjoni nżammet fir-rigward tar-reat ta' vjolenza kontra l-privat kif kontemplat fl-Artikolu 251 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana fl-intier tiegħu, stante li l-imputat ġie appuntu akkużat b'dan ir-reat bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u l-Artikolu 251 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr esklużjoni ta' ebda wieħed mis-sub-artikoli ta' l-istess, ġie speċifikatament indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu.

In kwantu rigwarda l-elementi previsti fl-Artikolu 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li dawn kollha japplikaw in kwantu kif già iktar 'l fuq ingħad, l-imputat bl-aġir tiegħu fil-konfront ta' martu Anna Dalli, aġir del resto vjolenti, ikkawża fiha l-biża li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat huwa ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti previsti fl-Artikoli 251H(a)(b), 251HA u 202(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet già iktar 'l fuq mogħtija.

Ir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija fis-sens illi nhar l-21 ta' Novembru 2020 fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. ġewwa l-Gżira: (4) volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Dalli, hekk kif iċċertifika Dr. Christopher Muscat, Med. Reg. No. 1493, mill-Klinika tal-Floriana.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivi għal din l-imputazzjoni huma l-Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251HA u 202(h)(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, li kjarament tittratta dwar ir-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Dalli, il-Qorti tqis li hawn ukoll il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat. Mix-xhieda ta' Anna Dalli tirriżulta ben ċara d-dinamika ta' l-inċident li seħħ fil-21 ta' Novembru 2020, fejn kjarament tgħid li għaliex talbet lill-imputat ibaxxi l-volum tat-television, huwa taha daqqa fuq għajnha bil-pala ta' idu. Li Anna Dalli kellha ħmura fuq wiċċha meta ġiet invistata medikament jirriżulta miċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-Tabib Dr. Chris Muscat, Dok. "E" a fol.17 tal-proċess, u mix-xhieda mogħtija mill-istess Tabib waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2021[40]. Mill-istess ċertifikat mediku u xhieda jirriżulta li din il-ħmura fuq wiċċ Anna Dalli ġiet appuntu kklassifikata bħala ġrieħi ta' natura ħafifa.

B'hekk, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Dalli ai termini ta' l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti prevista fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bil-**ħames u sitt imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-21 ta' Novembru 2020 fil-ħinijiet ta' bejn 9:30p.m. u 10:00p.m. ġewwa l-Gżira: (5) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu Anna Dalli; (6) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-mara tiegħu Anna Dalli, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivi għal dawn l-imputazzjonijiet huma l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

L-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min: … (d) ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*

[40] Fol. 79 u 80 tal-proċess.

Minn qari tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat illi tgħid *insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu Anna Dalli* jirriżulta immedjatament evidenti li din ma tinkwadrax fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-istess.

L-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min: … (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*

Mill-provi prodotti jirriżulta li għalkemm dakinhar tal-21 ta' Novembru 2020 l-imputat sawwat lill-mara tiegħu, ma jirriżultax li dakinhar huwa lissen xi theddid jew inġurji fil-konfront tagħha, in effetti dakinhar bla kliem u bla sliem qam minn fejn kien mar fuq martu u taha daqqa fuq wiċċha. Konsegwentement għalhekk l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li apparte l-każ odjern, mill-fedina penali tiegħu jirriżulta l-aħħar darba li l-imputat xellef dufrejgħ mal-ġustizzja kien fl-2001, u ħadet in konsiderazzjoni dak li rriżulta mill-provi u cioè li iktar minn affarijiet oħra l-imputat għandu bżonn l-għajnuna biex jitgħallem jikkontrolla r-rabja tiegħu u anke biex jitgħallem jikkontrolla l-ammont ta' xorb alkoholiku li huwa jikkonsma.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għall-finijiet ta' piena, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 202(i), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251(1)(2)(3), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu diffikultà jikkontrolla r-rabja tiegħu u ma jikkontrollax l-ammont ta' xorb alkoholiku li jikkonsma u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-istess imputat, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Peress illi l-imputat għandu diffikultà jikkontrolla r-rabja tiegħu u ma jikkontrollax l-ammont ta' xorb alkoholiku li jikkonsma, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-

Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat biex jiġu indirizzati l-problemi li huwa għandu, ossia d-diffikultà biex jikkontrolla r-rabja tiegħu u d-diffikultà biex jikkontrolla l-ammont ta' xorb alkoholiku li jikkonsma.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma komplessiva ta' €771.63 rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku[41] u man-nomina tal-Psikologa Dr. Roberta Holland[42].

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[41] €272.70 - fol. 153 tal-proċess.
[42] €498.93 - fol. 174 tal-proċess.